MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 806/2008

**Mobisle Communications Limited (C - 24655)**

**vs**

**Borg Cold Stores**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas ta’ mija u tnejn u disghin Euro u erbgha u tletin centezmi (€192.34) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici skont *Client Contract Number* 1007989 in rigward ghal servizi lilha rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn is-sena 2007 u is-sena 2008.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ April, 2008 dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-Att, dawk tal-ittra ufficjali lil Banek relattiva ghall-imsemmija mandat u bl-imghax sad-data tal-

pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.
Ra mill-atti li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie pprezentat kapitolu fil-5 ta’ Gunju, 2009 mill-Prokuratur Legali Peter Sammut u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li s-socjeta’ konvenuta naqset  li tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skont il-Ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------